## IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 24 ta' Ġunju 2021**

Appell numru 21/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**John ZAHRA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

### A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Jannar 2021 fil-konfront ta' John ZAHRA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 287555M) li ġie mixli talli:

   Nhar il-11 ta' Marzu 2018 għall-ħabta tal-10 ta' filgħodu ġewwa Triq Misraħ Suffara, Rabat, Malta:

i. Ħebb għal persuna ta' Paul Zahra u kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat Dr. Rebecca Galea MD mill-Poliklinika tal-Mosta;

ii. U aktar talli volontarjament kiser il-bwon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat, storbju, ġlied.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li sabet lill-imputat ZAHRA mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal multa ta' tlett mitt Ewro kif ukoll ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta rabtitu b'garanzija personali t'elf Ewro għal perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza u dan favur ta' Paul Zahra.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant John ZAHRA appella minn din is-sentenza, fejn talab lil Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ġie kkonfermat li ma kienx ħati tat-tieni imputazzjoni u ġie lliberat minnha, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati ċjoe' fl-ewwel imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-liġi u dan wara li stqarr is-segwenti:
   i. Il-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-Liġi għar-reati addebitati lill-appellant u l-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni jieqfu ferm 'il bogħod mill-piż tal-prova rikjest mil-Liġi.
   ii. Meta waslet għad-deċiżjoni tagħha naqset milli tagħti piż li kellu jingħata l-video esebit mill-appellant, fil-fatt il-Qorti ddikjarat is-segwenti: 'Għalkemm l-imputat jagħmel referenza għal video li huwa ħa u esebixxa, dan ma jagħti ebda ħjiel ta' x'ġara. Għal kuntrarju l-filmat juri eżattament x'ġara u juri li bla dubju ta' xejn l-aggressur f'dan l-inċident ma kien ħadd ħlief Paul Zahra. Fil-video l-appellant ma jidhirx jitfa' xi ġebel fil-konfront ta' Paul Zahra. Il-verżjoni tal-appellant hija konsistenti ma' dak li deher fil-video. Min-naħa l-oħra, il-verżjoni mogħtija fuq il-pedana tax-xhieda ta' Phylis Zahra tikkontradixxi mal-verżjoni mogħtija fuq il-pedana tax-xhieda ta' Paul Zahra. Filwaqt li Phyllis tagħmel

allegazzjoni serja fejn issostni li b'ton irrabjat waqt l-argument saħansitra anke ntqal il-kliem 'jew il-qabar jew il-ħabs', imkien fix-xhieda tiegħu Paul Zahra ma jsostni din l-allegazzjoni serja. Lanqas ma tat piż il-Qorti lil fatt ta' kemm dam Paul Zahra ma jmur jirraporta l-inċident u jirrikorri ġewwa l-poliklinika.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar il-11 ta' Marzu 2018 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija, il-Pulizija ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun daħlitilhom kwerela mingħand ċertu Paul Zahra fejn stqarr li aktar kmieni dakinhar, ħuh John Zahra kien ikkaġunalu xi ġrieħi f'rasu. Paul Zahra irraporta li kif huwa kien bil-gaffa u mar biex jidħol biha fil-passaġġ tiegħu li hemm mal-ġenb tar-residenza tiegħu f'Misraħ is-Suffara, ir-Rabat, innota li ħuh John Zahra kien poġġa xi knatan biex jimblokkalu l-passaġġ. Kif ra hekk, Paul Zahra, bil-gaffa stess, ipprova jressaq il-ktatan u tefgħahom mal-ġenb biex hu jkun jista' jkollu aċċess għall-imsemmi passaġġ.

5. F'dan il-mument, John Zahra l-ewwel daħal fil-bucket tal-gaffa iżda bl-insistenza ta' Paul Zahra niżel minn hemmhekk u minflok qabad ponn żrar minn mal-art u beda jwaddabhom fid-direzzjoni ta' Paul Zahra bil-konsegwenza li dan tal-aħħar intlaqat f'rasu u fi spalltu. Paul Zahra rraporta li wara li seħħ dan, John Zahra telaq 'l hemm u hu xi ħin wara mar il-klinika tal-Mosta sabiex ikun jista' jiġi invistat minn tabib u immedikat. It-tabiba Rebecca Galea (numru ta'

reġistrazzjoni mediku 4123) iċċertifikat li Paul Zahra kien qiegħed ibgħati minn ġrieħi ta' natura ħafifa.

6. Paul Zahra talab lill-Pulizija sabiex jittieħdu passi kriminali fil-konfront ta' John Zahra. L-għada tal-inċident, il-Pulizija għamlet kuntatt ma' John Zahra fejn dan ġie mitlub sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu wara li ngħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu liema dritt huwa irrifjuta. John Zahra stqarr mal-Pulizija li l-knatan kienu qiegħdin fil-proprjeta' tiegħu u li ma kienu qiegħdin jostakolaw xejn. Ċaħad ukoll li waddab il-ġebel lil Paul Zahra u qal li kellu filmati li juru li hu kien qiegħed jgħid il-verita'.

7. Nhar l-24 ta' April 2018, John Zahra ġie mressaq il-Qorti b'rabta ma' dan l-inċident.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant mertu tal-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellant.**

8. Illi huwa prinċipju rassodat li din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika**

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

9. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati

---

**ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

10. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

11. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

12. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

13. Issa, biex ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni jista' jingħad li ġie ppruvat, irid jirriżulta mill-provi a sodisfazzjon tal-Qorti li (i) l-appellant ZAHRA tassew waddab il-ġebel fid-direzzjoni ta' ħuh Paul Zahra u li laqtu f'rasu hekk kif qiegħdin isostnu l-parte civile u (ii) li tali aġir da parte ta' ZAHRA seħħ bl-intenzjoni li ried jagħmel il-ħsara-żgħira kemm hi żgħira- fil-ġisem u fis-saħħa ta' Zahra (intenzjoni pożittiva diretta) jew tal-inqas, għalkemm ma riedx jagħmillu ħsara, seta' jipprevedi l-possibilita' li b'dak li kien ser jagħmel seta' jikkaġuna ħsara fil-ġisem ta' Zahra iżda kien hekk indifferenti għall-konsegwenza ta' għemilu b'mod li xorta għamel l-att li kkaġuna l-ħsara (intenzjoni pożittiva indiretta).

14. Din il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti, dik tal-parte civile Paul Zahra hekk kif ikkorraborata f'waqtiet minn dik ta' martu Phyllis Zahra li lkoll jixhdu kif John ZAHRA deher iwaddab il-ġebel fid-

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

direzzjoni ta' Paul Zahra, u dik tal-appellant fuq in-naħa l-oħra li ċaħad kategorikament li qatt għamel hekk u xehed li addirittura kien Paul Zahra li aggredieh bil-gaffa. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-prinċipju ormai rikonoxxut fil-ġurisprudenza nostrana hekk kif imtenni mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[4]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

15. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

16. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-

[4] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

17. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

18. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[5] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex

[5] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

19. Fil-każ Ingliż **Majid**,[6] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[7] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif

---

[6] ibid.
[7] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

24. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx

legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

25. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat**

26. L-appellant jinsisti li l-verżjoni tiegħu hija kkorroborata minn *videos* li huwa rreġistra bit-telefon ċellulari tiegħu iżda din il-Qorti mill-ewwel tirrileva li bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, ma tarax li l-kontenut ta' dawn il-filmati seta' jgħin wisq sabiex isaħħaħ il-verżjoni tal-appellant. Mill-filmati in kwistjoni ma jirriżultax li Paul Zahra aggredixxa lill-appellant bil-gaffa. Lanqas pero' ma juri jekk l-appellant effettivament waddabx jew le xi ġebel fid-direzzjoni tal-parte ċivile. Iżda din il-Qorti tqis li l-filmat numru 20180311_095722 effettivament juri li Paul Zahra kien qiegħed ineħħi xi knatan u xtieli minn mogħdija li dehret tagħti għal x'imkien. Dan jekk xejn mhux talli jikkorrabora l-verżjoni tal-appellant talli mill-banda l-oħra jsaħħaħ dak li xehed Paul Zahra meta qal li kien hemm xi knatan fit-triq li kienu qiegħdin jostakolaw il-passaġġ tal-gaffa u li hu qabad inneħħihom fil-mument li tfaċċa l-appellant Zahra :-

> Xhud: daka kien hemm xi knatan fit-triq taħt il-gaffa u neħħejthom għax kienu ta' ostakolu biex nirriplesja biex nipparkja t-trakk u kif bdejt inehhih mill-knatan qabad il-ġebel u beda jgarali għal ġol-gaffa w laqgħatni b'ġebla ġo rasi.

27. Huwa minnu li f'partijiet minnhom il-filmat jidher jiċċajpar u li għalhekk f'dan il-mument seta' kien qiegħed jiġri minn kollox. Iżda, din il-Qorti tqis li għalkemm il-prinċipju regolatur f'kawżi kriminali huwa fis-sens li bħala regola d-dubju għandu jmur favur l-imputat appellant, mill-banda l-oħra dan ifisser ukoll li mhux kull dubju huwa tali li għandu bilfors jwassal għal dan ir-riżultat. Id-dubju li jitqajjem għandu jmur favur tal-imputat meta l-Qorti ma tkunx moralment konvinta jew sikura li verżjoni tal-parte ċivile ikollha iktar mis-sewwa mill-verżjoni tal-imputat. B'rabta ma' dan il-punt, din il-Qorti tagħmel

referenza għall-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[8] Iġifieri huwa legalment korrett u permissibbli għal Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss; u dan anke fil-każ fejn ikun hemm biss żewġ verżjonijiet kontrastanti. F'każ ta' żewġ verżjonijiet kontrastanti wieħed jista' jgħid li jista' jitnissel dubju dwar liema verżjoni hija dik veritjiera. Dan jista' jagħti lok għal dubju raġonevoli f'moħħ il-ġudikant tal-fatt. Iżda f'każ li dan il-ġudikant isib li l-verżjoni ta' wieħed mix-xhieda hija aktar ta' min jorbot fuqha, kredibbli, konsistenti jekk mhux ukoll korroborata minn evidenza oħra, li tista' tkun anke ċirkostanzjali, allura f'dak il-każ, anke jekk il-Qorti jkollha verżjonijiet dijametrikament opposti hija xorta waħda tista' tagħżel li temmen verżjoni minnhom u tiskarta l-verżjoni l-oħra.

28. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech,**[9] abbraċċjat l-indirizz li kien sar mill-Imħallef li kien ippresjeda l-ġuri meta fehem lill-ġurati li hija l-kwalita' tax-xhieda mogħtija li tgħodd meta tqisha fl-assjem taċ-ċirkostanzi tal-każ u mhux il-kwantita' ta' persuni li jieħdu l-pedana u jtennu l-istess verżjoni :-

> Il-ligi tghid: 'B'danakollu, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs li kieku l-fatt gie ppruvat minn

[8] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[9] Deċiża nhar l-24 ta' Settembru 2004.

zewg xhieda jew aktar' …. Ifisser li hawnhekk ma nimxux bin-numru tax-xhieda …. Jista' jkollok kemm ikollok xhieda li qed jghidu mod, jekk ikollok xhud wiehed biss li qed jghid mod iehor u inti xorta meta tkun qist ic-cirkostanzi kollha talkaz, meta tkun applikajt il-bwon sens tieghek ghaccirkostanzi kollha tal-kaz, u jidhirlek li ghandek tiskarta dawn l-ghaxar xhieda u toqghod fuq dak ix-xhud wiehed biss, inti tista' tiddeciedi l-kaz a bazi ta' dak ix-xhud wiehed biss. U dan japplika sija jekk dak ix-xhud ikun xhud tal-prosekuzzjoni u sija jekk dak ix-xhud ikun xhud tad-difiza bid-differenza dejjem infakkarkom li l-prosekuzzjoni trid tipprova sal-grad tal-konvinciment morali waqt li d-difiza jkun bizzejjed jekk tipprova sal-grad tal-probabbli. Mela din ir-regola ukoll qed taraw tax-xhud wiehed biss tapplika ugwalment, kemm ghall-kaz tal-prosekuzzjoni, kemm ghall-kaz tad-difiza. Fi kliem iehor il-bottom line x'inhija? Mhux in-numru li jghodd imma l-kwalita` tax-xhud. X'taccetta jew ma taccettax jiddependi mill-kwalita` tax-xhud, inti kemm sa temmnu jew ma temmnux.

29. Issa, f'dan il-każ minbarra l-verżjoni ta' Paul Zahra u John Zahra kien hemm ukoll ix-xhieda ta' Phyllis Zahra li għad li ma kienetx fuq il-post tal-inċident, qalet li rat kollox minn fuq il-bejt tad-dar tagħha. Din ix-xhud ikkonfermat il-verżjoni li ta żewġha Paul Zahra:

Phyllis Zahra: Ħareġ minn hemm u biex imur in-naħa biex jgħabbiha fuq it-trakk kien hemm kantun ftit -il barra u deghfsu -il ġewwa meta dan bil-knaten li qed joħroġ -il barra....
Qorti: Min ħareġ il-kantun....
Phyllis Zahra: John Zahra qegħdin għaxar (10) piedi fit-triq -il barra mill-linja jiġifieri r-raġel tiegħi ma għamel xejn ħażin ma kellux għalfejn iwaddab il-ġebla. Diġa t-tieni darba qasamlu rasu.

30. Din il-Qorti temmen li Phyllis Zahra setgħet tassew issegwi l-inċident minn fuq il-bejt tad-dar u dan għaliex mill-provi jirriżulta kif ir-residenza tal-konjuġi Zahra kienet preċiżament f'Misraħ is-Suffara u ċjoe fl-istess triq ta' fejn seħħ l-inċident oltre għall-fatt li jidher ukoll li kienet qrib il-post preċiż fejn dan seħħ. Dan jirriżulta minn kliem l-appellant ZAHRA stess li jgħid kif 'ħareġ jittawwal mill-garaxx tiegħu li kien imiss mal-appoġġ tar-residenza ta' Paul Zahra u sab lil Paul Zahra fuq il-gaffa qiegħed ineħħi l-knatan :

Xhud: Kont tajtha l-konkos jien fejn qiegħda din il-kwestjoni.. Kont fil-garaxx.

Diff: Il-garaxx tiegħek?
Xhud: **Qiegħed ma' ġenb id-dar tiegħu, appoġġ eżatt u għedt, ''Dan l-istorbju x'inhuma jagħmlu? Ħriġt nittawwal u nsibu**[10] qiegħed jimbotta fil-propjeta' tiegħi qsari u xi knatan li kienu spustjati sew.

31. Imbagħad, f'paġna 24 tax-xhieda tagħha, it-tabiba Rebecca Galea tixhed li fil-mument li Paul Zahra mar sabiex jiġi invistat hija setgħet tikkonstata li dan kellu gundalla żgħira fuq in-naħa tal-lemin ta' rasu.

32. Għaldaqstant, il-verżjoni ta' fatti li ta Paul Zahra meta xehed li ntlaqgħat f'rasu minn xi ġebel taqbel mal-konklużjoni tal-eżami tat-tabiba meta ġie ċċertifikat li Paul Zahra kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa fil-parti leminija ta' rasu. Anki n-natura tal-ġrieħi subiti u ċjoe' ġrieħi ta' natura ħafifa hija kompatibbli ma' dak li *a tempo vergine* kien stqarr il-parte leża mal-Pulizija meta fir-rapport tiegħu kien qal li John Zahra laqtu f'rasu <u>b'ġebel żgħir daqs ta' ponn</u> li kien ġabar minn l-art dak il-ħin tal-inċident.

33. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-fatti msemmija minn Paul Zahra għandha iktar mis-sewwa: fis-sens li l-appellant verament waddab xi ġebel fid-direzzjoni ta' ħuh Paul Zahra. Din il-Qorti trid tistħarreġ ukoll x'kienet l-intenzjoni ta' l-appellant meta dan waddab dawn il-ġebel lejn ħuh Paul. Ried iwaqfu jew ifixklu milli jressaq il-knatan bil-gaffa jew ried jolqtu u jweġġħu?

34. Għandu jingħad mill-ewwel li jirriżulta li l-aħwa Zahra ilhom żmien imqabbdin ma' xulxin. L-episodju tal-11 ta' Marzu 2018 ma

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

kienx l-uniku inċident li seħħ bejnithom. Biss biss minn kliem l-appellant stess, f'paġna 30 tax-xhieda tiegħu huwa jgħid hekk :-

> Dif: X'ġara dakinhar?
> Xhud: Il-kwestjoni ilha sejra, Ilu jwaqqali naqra lil hawn u u naqra lil hinn.

35. U fuq il-frekwenza ta' inċidenti ta' din ix-xorta, anki mart il-vittma Phyllis Zahra xehdet hekk f'paġna 19 tax-xhieda tagħha : -

> Avukat: X'ġara umbgħad meta qasamlu rasu, x'għamiltu?
> Phyllis Zahra: heq inħasel u mar jiġri lejn il-Policlinic. **Dan diġa' t-tieni darba**.[11]

36. U li dan il-ġlied bejn l-aħwa Zahra ilu għaddej żmien twil jirriżulta b'mod lampanti mill-fedina penali tal-appellant miżgħuda b'kundanni b'rabta ma' inċidenti ta' vjolenza kontra l-persuni ta' ħuh Paul Zahra u l-familjari tiegħu. F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva kif skont ma jirriżulta mill-fedina penali tal-appellant, l-ewwel inċident <u>tax-xorta bħal dak tal-każ in kwistjoni</u> imur lura ben disa' snin u li matul is-snin dawn l-episodji żiedu wkoll fil-frekwenza. F'din il-klima ta' pika u tensjoni li ilha għaddejja għal diversi snin bejn l-aħwa Zahra diffiċilment l-appellant jitwemmen li mhux minnu li waddab il-ġebel fid-direzzjoni ta' Paul Zahra. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma emnitx li l-appellant ma waddabx il-ġebel lejn ħuh Paul. Anzi dik il-Qorti emnet li dan għamlu minn jeddu bl-għarfien sħiħ li meta waddab dawn il-ġebel fid-direzzjoni ta' ħuh Paul, mid-daqs, direzzjoni u kwantita ta' ġebel mitfugħ l-appellant setgħa jirrealizza li jekk jolqot lil ħuh huwa setgħa jweġġgħu. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset ukoll li l-appellant għamel dan il-ġest f'mument ta' rabja u b'reazzjoni. Dan ukoll irid jittieħed fl-isfond tal-kunflitt bejn l-aħwa li, minn kliemu

---

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

stess, jirriżulta li kien ilu żmien twil għaddej, tant li f'paġna 30 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk : -

> Xhud: **Il-kwestjoni ilha sejra.**[12] Ilu jwaqqali naqra lil hawn u naqra lil hinn.

37. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li kemm mill-provi diretti kif ukoll minn dawk indiretti f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment kif ukoll raġonevolment tasal li tikkonkludi li l-imputat appellant kien ħati tar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

38. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180,

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2] This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

39. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-

piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

40. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta'

reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis *anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

41. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tqis kif il-piena ta' multa ta' tlett mitt Ewro imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tirrientra fil-parametri legali u lanqas ma kienet eċċessiva fid-dawl tal-fatt li l-piena li tippreskrivi l-Liġi għal ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali imsemmi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkontempla wkoll piena karċerarja ta' tlett xhur priġunerija bħala alternattiva għal multa. Dak li jidher li sfuġġa lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll lill-Avukat Ġenerali (stante li dan ma interpona ebda appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati msemmija) huwa li din kienet ġlieda bejn l-aħwa. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li l-offiża kaġunata mill-appellant fuq il-persuna ta' ħuh Paul kienet dik ta' offiża ħafifa fis-sens tal-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali u mhux dik ħafifa u ta' importanza żgħira taħt l-artikolu 221(3) tal-Kodiċi Kriminali. Minħabba fil-fatt li l-offiża ħafifa kienet kaġunata fuq il-persuna ta' ħu l-appellant il-piena msemmija fl-artikolu 221(1) kienet kwalifikata wkoll taħt l-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li

> 222.(1) Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir –
>
> (a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta 'axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali,jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h);

42. Minbarra dan jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati emnet li l-appellant kien aġixxa bl-intenzjoni ġenerika li jikkaġuna offiża fuq il-persuna ta' ħuh Paul Zahra u b'hekk ma kienetx applikabbli l-attenwanti taħt l-artikolu 222(2) tal-Kodiċi Kriminali, li tgħid:

> (2) Iżda l-piena ma tiżdiedx meta l-ħati, mingħajr ħsieb li jagħmel offiża lil persuna partikulari, inkella bil-ħsieb li jagħmel offiża lil xi persuna oħra, bi żball jew b'aċċident, jagħmel offiża lil xi waħda mill-persuni msemmijin fis-subartikolu (1)(a) u (b)

43. Ifisser għalhekk li ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet il-ħtija tal-appellant taħt l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, hija kellha żżid il-piena bi grad – in kwantu ż-żieda fil-piena taħt l-aggravanti msemmija fl-artikolu 222 tal-Kodiċi Kriminali hija tassattiva.

44. Fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat de quo, il-piena applikabbli għall-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali kienet dik tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa, u dan stante li ż-żieda fil-piena ordinarja f'dan l-artikolu kienet ġiet promulgata fit-30 t'April 2018 bl-Att XIII tal-2018 kif rivedut bl-Att XXXII tal-2018 li ġie fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 2018. Iżda mill-banda l-oħra l-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali kien diġa fis-seħħ fid-data tal-kommissjoni ta' dan ir-reat biex b'hekk il-piena ordinarja ta' tliet xhur priġunerija jew multa kif kienet dak iż-żmien kellha tiġi miżjuda bi grad.

45. B'hekk skond iż-żieda fl-iskajjel tal-piena msemmija fl-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali il-piena ta' mhux iżjed minn tliet xhur priġunerija bis-saħħa tal-artikolu 31(1)(b)(xiv)(xv) titla' għal massimu ta' mhux iżjed minn sitt xhur priġunerija. Iżda mill-banda l-oħra, skont l-artikolu 31(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali :

(f) it-tlugħ mill-piena tal-multa jsir għall-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, u l-inżul isir għall-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet

46. Dan ifisser li f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx teroga piena ta' multa iżda kien suppost applikat il-piena ta', minn tal-anqas, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur. Biss ladarba l-Avukat Ġenerali ma appellax minn din is-sentenza, din il-Qorti ma tista' tagħmel xejn dwar din il-piena li kienet ġiet inflitta in kwantu mingħajr appell tal-Avukat Ġenerali żgur li ma tistax iżżidha.

47. Inoltre li mill-fedina penali tal-imputat tirriżulta storja twila ta' kundanni għall-ġlied u inċidenti simili bejn l-appellant u ħuh Paul Zahra u l-mara tiegħu Phyllis fejn l-appellant kien diġa instab ħati talli waddab xi affarijiet iebsin bħal ġebel bi ħsara ta' Paul Zahra. Dan il-fatt waħdu wkoll iservi ta' riflessjoni tal-karattru u l-imġieba aggressiva tal-imputat appellant lejn ħuh Paul. Din il-Qorti ma tistax tidħol fil-kwistjonijiet ta' bejn dawn l-aħwa. Huma jafu x'hemm fil-borma mħawda u kobba mħabbla tar-relazzjoni ta' bejniethom. Li pero din il-Qorti żgur trid tagħmilha ċara hija li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, b'passat rifless fil-fedina penali tal-appellant il-piena tal-multa ma kienetx indikata mhux biss għax ma kienetx permessibbli bil-Liġi, iżda għaliex ma kienetx il-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

48. In kwantu jirrigwarda l-obbligu tal-garanzija personali, din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta li tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali. Dan qiegħed jingħad għaliex fid-dawl tan-natura kontenzjuża tar-

relazzjoni ta' bejn l-aħwa ZAHRA dan il-mekkaniżmu jservi ta' utilita' sabiex jillimita kemm jista' jkun il-kuntatt ta' bejnithom.

## Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**